TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 28/19/F

**Saviour Spiteri**

**vs**

**Frankie Jenkins**

Illum, 11 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Marzu, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u mitt Ewro (€1,100), rappreżentanti l-prezz li ħallas bħala depożitu għal xogħol ta' rħam, liema xogħol l-intimat ma lestiehx u lanqas tahulu.

Illi t-Tribunal jinnota li l-intimata ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta, minkejja li kien notifikat bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ta depożitu ta' elf u mitt Ewro (€1,100), lill-intimat sabiex jaħdimlu taraġ ta' l-irħam fuq barra, u li dan ordnah f'Marzu. Illi minkejja li għaddew diversi xhur u minkejja li l-intimat poġġielu biss żewġ tarġiet, ix-xogħol l-ieħor ma sarx u wasal Ottubru u kien għadu m'għamel xejn, minkejja l-wegħda li kellu jlestih sa l-aħħar ta' Mejju.

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti għandu raġun stante li l-intimat ma lestiex ix-xogħol.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888